**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 4 ta' Dicembru 2019**

**Rikors nru: 407/2019 AGV**

**ABC (ID Nru: 330358M)**
**Vs**
**DC (ID nru: 308065M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' **ABC (ID Nru: 330358M)** tat- 3 ta' Settemrbu 2019, fejn ppermetta u pprezenta is-segwenti;

1. Illi l-partijiet izzewwgu fit-tnax ta' April 1986, kopja tac-certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok. A.
2. Illi l-partijiet sseparaw fl- 14 ta' Novembru 2014 permezz ta' kuntratt fl-atti tan-nutar Ruben Debono u ghalhekk ilhom jghixu seperati ghal aktar minn erba' snin (hawn anness u mmarkat bhala Dok B).

3. Illi ma hemm l-ebda tama ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li llum ghandom hajja totalment separata minn xulxin;
4. Illi ma hemmx l-ebda kwistjoni bejniethom dwar l-manteniment stante li ebda manteniment ma tithallas;
5. Illi ghaldaqstnat l-esponenti jissodisfaw ir-rekwiziti kollha stabbiliti mil-Ligi biex jinghataw id-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-Kodici Civli (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

Ghaldaqstant, umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex;

1. Tippronzunja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati, sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, bid-divorzju, u l-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat li l-intimata hija debitament notifikata imma la dehret u lanqas pprezentat risposta entro t-terminu.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**